A.L. 23 ta' l-2004

ATT TA' L-2002 DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (ATT NRU. XIV TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Sahha għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kwalità ta' Ilma maħsub għall-Konsum mill-Bniedem.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Jannar, 2004.

Tifsiriet.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:-

"l-Att" tfisser l-Att ta' l-2002 dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

"fornitur ta' ilma" tfisser kull persuna awtorizzata mill-Awtorità tas-Saħha biex tforni ilma lil kwalunkwe binja;

"għajn" fir-rigward ta' ilma għandha tinkludi l-bokka ta' impjant għat-trattament ta'l-ilma, spiera, stazzjon minn fejn jittella' l-ilma, post fejn jitħallat l-ilma jew ġibjun tas-servizz, kemm jekk permanenti kemm jekk mhux;

"ilma għandu jinkludi:

(a) ilma tajjeb għax-xorb maħsub għall-konsum tal-bniedem jew fl-istat oriġinali tiegħu jew wara trattament, maħsub biex jinxtorob, għat-tisjir, preparazzjoni ta' ikel jew skopijiet domestiċi oħra, hi x'inhi l-oriġini tiegħu u sew jekk hu fornut minn nisga ta' distribuzzjoni, minn tanker, fi fliexken, kontenituri jew minn provvista ta' ilma privata;

(b) ilma tax-xorb użat f'kull intrapriża ta' produzzjoni ta' ikel għall-manifattura, ipproessar, preservazzjoni jew bejgħ

ta' prodotti jew sustanzi maħsubin għall-konsum mill-bniedem sakemm l-Awtorità tas-Saħħa tkun sodisfatta li l-kwalità ta' l-ilma ma tolqotx it-tjubija ta' l-oġġett ta' l-ikel fil-forma tiegħu lesta;

"persuna responsabbli" għandu jkollha l-istess tifsira li għandha fl-Att u tinkludi lil kull min joqgħod f'dar.

"provvista ta' ilma privata" tfisser kull ilma tax-xorb li ma jkunx distribwit permezz ta' nisga ta' distribuzzjoni;

"żona ta' provvista ta' ilma" tfisser żona li jkollha popolazzjoni li ma taqbiżx il-50,000 u li tkun provduta bl-ilma.

Skop.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom x'jaqsmu mal-kwalità ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, bl-objettiv li titħares is-saħħa tal-bniedem mill-effetti ħżiena ta' xi kontaminazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun utieq u nadif, u biex twaqqaf sistema amministrattiva li tipprovdi protezzjoni għal kull min jikkonsma l-ilma.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kull ilma fornut minn fornitur ta' l-ilma.

Dmir tal-persuna responsabbli.

4. Għandu jkun id-dmir tal-persuna responsabbli li tiżgura li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ikun utieq u nadif tul is-sistema ta' distribuzzjoni kollha skond ir-regolament 7.

Kif dawn ir-regolamenti ma japplikawx.

5. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) ilmijiet minerali naturali approvati bħala tali mill-Awtorità tas-Saħħa;

(b) ilma li jkun jinsab jew jintuża fi prodotti mediċi rikonoxxuti bħala tali mill-Awtorità tas-Saħħa.

Eżenzjonijiet minn dawn ir-regolamenti.

6. (1) L-Awtorità tas-Saħħa tista' teżenta mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) ilma maħsub esklusivament għal dawk il-finijiet li dwarhom l-Awtorità tas-Saħħa tkun sodisfatta li l-kwalità ta' l-ilma ma jkollha ebda influwenza, kemm diretta kemm indiretta, fuq is-saħħa tal-konsumaturi involuti;

(b) ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minn xi provvista individwali li tforni inqas minn 10 m^3 kuljum bħala medja

jew li taqdi inqas minn 50 persuna, sakemm l-ilma pprovdut jigi fornut bħala parti minn attività kummerjali jew pubblika.

(2) Meta l-Awtorità tas-Saħħa tati eżenzjoni taħt is-subregolament hawn qabel, hija għandha tiżgura li l-popolazzjoni involuta tigi mgħarrfa b'dan u b'kull azzjoni li tista' tittieħed biex tħares is-saħħa pubblika mill-effetti ħżiena kkaġunati minn xi kontaminazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, meta l-Awtorita tas-Saħħa tinduna bil-possibiltà ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem li jiġi mill-kwalità ta' dan l-ilma, l-Awtorità tas-Saħħa għandha tiżgura li l-eżenzjoni tigi irtirata.

Tjubija ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

7. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandu jkun utieq u nadif jekk:

(a) ikun ħieles minn kull xorta ta' makro-organiżmi u parassiti u minn kull sustanza li, fil-għadd u konentrament, tikkostitwixxi jew tista' tikkostitwixxi riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem;

(b) dak l-ilma ma jkunx fih xi element, organiżmu jew sustanza li jkollha livell ta' konentrament jew valur li meta jingħaqad ma' xi element, organiżmu jew sustanza oħrajn ikun ta' detriment għas-saħħa publika;

(ċ) ikun skond l-inqas ħtiġiet imniżżlin fi Skeda I, Partijiet A u B; u

(d) ikun skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi oħra.

Standards ta' kwalità.

8. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, ilma għandu jitqies li jkun maħsub għall-konsum mill-bniedem jekk ikun jikkonforma ma' Skeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità tas-Saħħa tista', fl-interess tas-saħħa publika, tiffissa valuri għal parametri addizzjonali li ma jkunux inklużi fi Skeda I sakemm il-valuri ffissati jkunu jissodisfaw, bħala minimu, il-ħtiġiet tar-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti.

Punt ta' konformità.

9. (1) Għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi hawn qabel imsemmija:

(a) fil-punt f'kull post jew stabbiliment fejn l-ilma għall-konsum mill-bniedem joħroġ mill-vitijiet, liema ilma hu fornut permezz ta' nisga ta' distribuzzjoni,

(b) fil-każ ta' ilma fornut minn tanker, fil-punt li fih joħroġ mit-tanker,

(ċ) fil-każ ta' ilma fi fliexken jew kontenituri maħsubin biex jinbiegħu, fil-punt fejn l-ilma jitqiegħed fil-fliexken jew kontenituri.

(2) Meta l-persuna responsabbli tinduna li l-ilma ma jkunx fil-limiti tal-valuri parametriċi skond ir-regolament 6, hija għandha minnufih tiżgura li jittieħdu miżuri addattati biex jitnaqqas jew jitneħħa r-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi u tinforma lill-konsumaturi involuti b'kull azzjoni rimedjali addizzjonali possibbli li huma għandhom jieħdu.

Sorveljar.

10. (1) L-Awtorità tas-Saħħa għandha tieħu l-miżuri kollha neċċessarji biex tiżgura li:

(a) jsir kontroll kontinwu tal-kwalità ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem biex tiżgura li l-ilma fornut lill-konsumatur ikun jilħaq il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti; u

(b) meta d-diżinfettar ikun jifforma parti mill-preparazzjoni jew distribuzzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, l-effijenza tat-trattament ta'diżinfettar applikat jigi verifikat, u li kull kontaminazzjoni minn prodotti sekondarji tad-diżinfettar tinżamm baxxa kemm jista' jkun bla ma tikkompromett d-diżinfettar.

(2) Ikun id-dmir tal-fornituri kollha ta' ilma li jadottaw programm skond Skeda II biex jikkontrollaw kontinwament kull ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

(3) L-Awtorità tas-Saħħa għandha tistabbilixxi l-punti mnejn jittieħdu l-kampjuni biex tiżgura konformità ma' Skeda II.

(4) Meta jkun hemm raġuni ta' suspett ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, l-Awtorità tas-Saħħa tista' titlob kontroll kontinwu addizzjonali ta' sustanzi u mikro-organiżmi li għalihom ma jkun gie ffissat ebda valur parametriku skond ir-regolament 7.

Identifikazzjoni ta' żoni ta' provvista ta' ilma.

11. (1) Wara li jkun ġie identifikat jekk żona ta' provvista ta' ilma hix fornuta bl-ilma minn għajn waħda jew aktar, il-fornituri ta' ilma ikunu meħtieġa jippreparaw u jżommu dokumentazzjoni ta' żoni ta' provvista ta' ilma sabiex jistabbilixxu l-frekwenzi ta' teħid ta' kampjuni biex jiżguraw konformità ma' dawn ir-regolamenti, liema informazzjoni tkun disponibbli għall-publiku.

(2) Meta zona ta' provvista ta' ilma hi fornuta minn aktar minn għajn waħda, u dan jista' jwassal għal differenzi sinifikanti fil-kwalità ta' l-ilma f'dik iz-zona, dik iz-zona għandha tkun suddiviża f'zoni ta' provvista separati.

Proeduri għat-teħid ta' kampjuni.

12. (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

(a) kampjuni ta' l-ilma għandhom:

(i) jilħqu l-ħtiġiet minimi skond Skeda II u;

(ii) jittieħdu minn dawk il-punti rappreżentattivi ta' provvista ta' ilma f'dik iz-zona.

(2) It-teħid ta' kampjuni minn punti ta' provvista jew teħid ta' kampjuni, kemm jekk iffissati kemm jekk addo, għandu jsir taħt id-direzzjoni u għas-sodisfazzjoni ta' l-Awtorità tas-Saħħa.

(3) Fornituri ta' ilma għandhom iżommu manwal ta' kif jittieħdu l-kampjuni li jkun jiddeskrivi l-proċeduri u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu adottati għal kull parametru jew grupp ta' parametri, liema manwal għandu jkun aċċessibbli għal spezzjoni u approvazzjoni mill-Awtorità tas-Saħħa f'kull waqt.

Metodi ta' analiżi.

13. (1) Il-metodi ta' analiżi għandhom ikunu jikkonformaw ma' l-ispeifikazzjonijiet għall-analiżi ta' parametri skond Skeda III li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) In-nuqqas ta' konformità ma' l-Iskeda hawn qabel imsemmija jeħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità tas-Saħħa wara li tkun ġiet ipprezentata bil-miktub l-informazzjoni rilevanti kollha mill-applikant.

Azzjoni jekk l-istandard ta' kwalità ma jintla'aqx

14. (1) Il-fornitur ta' l-ilma għandu, kif jinduna li l-kwalità ta' l-ilma m'hix skond dawn ir-regolamenti, jinnotifika lill-Awtorità tas-Saħħa.

(2) L-Awtorità tas-Saħħa tista' tippubblika kull informazzjoni notifikata mill-fornitur ta' l-ilma skond is-subregolament (1):Iżda l-fornitur ta' l-ilma għandu jfittex jieħu parir espert u jieħu l-miżuri neċċessarji kollha biex jissalvagwardja lill-konsumatur minn kull periklu għas-saħħa potenzjali.

Pubblikazzjoni ta' informazzjoni.

15. Fornituri ta' l-ilma għandhom jippubblikaw rapport annwali dwar il-hidmiet tagħhom skond ma jista' jigi stabbilit mill-Awtorità tas-Saħħa.